MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 914/2005

**D.J. Burgess Limited**

**Vs**

**Anthony Borg**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih is-socjeta' attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas erba' mija u seba' liri Maltin u disgha u sebghin centezmu (Lm407.79c) u dan rapprezentanti prezz ghal servizzi rezi mid-ditta attrici skond Dokument A li huwa rendikont (statement). Peress illi diversi *cheques* ipprezentati ma gewx onorati, ghaldaqstant il-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas 'il fuq imsemmija somma.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb illi m'ghandu x'jaqsam xejn mal-kawza odjerna u ghalhekk m'huwiex il-legittimu kontradittur. Bl-ispejjez kontra l-istess attur li hu ngunt ghas-subizzjoni. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talba hija preskritta ai termini tal-Ligi.

Sema' x-xhieda ta' Anthony Borg, Noelene Miggiani u ta' Jeanelle Cuschieri.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' t-trattazzjoni tal-PL Pauline Mallia ghas-socjeta' attrici u ta' Dr Martin Fenech ghall-konvenut.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li s-socjeta' attrici tipprovdi servizzi ta' *advertising* u wahda mill-impjegati taghha, Lorraine Abela tigi n-neputija tal-konvenut Anthony Borg. Jirrizulta li l-konvenut cempel lil Lorraine Abela u talabha biex jutilizza s-servizzi tal-kumpanija fejn kienet tahdem halli jsir ir-reklam li kopja tieghu jinsab esebit a fol 26 tal-process.

Effettivament dan ir-reklamar sar, izda s-socjeta' attrici ma thallsitx. Mill-atti jirrizulta li fis-7 ta' Lulju, 2003 Anthony Borg baghat ittra b'sensiela ta' *post dated cheques* izda l-ebda wiehed minn dawn ic-*cheques* ma gie onorat. L-ittra ntbaghtet fuq *letterhead* intestata "W.I.S.E. Information Technology Solutions".

M'hemm l-ebda ndikazzjoni ta' xi kumpanija jew haddiehor li jista' jkun involut jew li ghandu interess f'dan ir-rigward f'din l-ittra. Inoltre, minn ezami tar-reklam li jinsab a fol 26 tal-process, l-unika referenza ghal min qed jaghmel ir-reklam huwa "W.I.S.E." minghajr isem ta' ebda persuna jew kumpanija.

Il-konvenut *ex admissis* ammetta illi meta huwa ghamel l-ordni ma hassx li kellu bzonn li jinforma lil Lorraine Abela li huwa ma kienx qed jittratta f'ismu u li kien qed jittratta f'isem il-kumpanija Advanced Computer Technology

Limited. Huwa hadha *for granted* li kienet taf. Naturalment x'hasbet jew x'kienet taf hi, ma jirrizultax f'dan il-process ghaliex din il-persuna ma xehditx izda jibqa' l-fatt illi l-*invoices* hargu fuq 'Anthony Borg, W.I.S.E., 161, Zabbar Road, Paola minghajr ebda ndikazzjoni ta' isem ta' kumpanija. Il-konvenut ma kienx cert jekk irceviex dan l-i*statement* izda bilfors li kien ircieva xi forma ta' *statement* tant illi huwa kien anki baghat ic-*cheques* fuq imsemmija. Formalment huwa qatt ma nforma lis-socjeta' attrici li kien qed jinnegozja f'isem kumpanija.

Fid-dawl tal-premess huwa evidenti illi l-kuntrattazzjoni li saret bejn il-partijiet saret mill-konvenut personalment mas-socjeta' attrici. Il-konvenut qatt ma ndika l-ezistenza tal-kumpanija li ghaliha kien qed jinnegozja u ghalkemm huwa ritenut illi meta Direttur qed jagixxi vis-à-vis terzi, u qed jagixxi bhala agent tal-kumpanija, izda fir-relazzjoni nterna tieghu mas-socjeta' huwa jkun qieghed jagixxi bhala mandanti, fil-kaz odjern, stante li l-konvenut ma nfurmax lis-socjeta' attrici li kien qed jagixxi ghan-nom ta' kumpanija, l-unika konkluzjoni li jista' jasal ghaliha dan it-Tribunal hija li fil-fatt il-ftehim sar bejn il-partijiet f'din il-kawza u se mai, jekk il-konvenut ghandu xi dritt ta' rivalsa, din hija haga li tirrigwarda r-relazzjonijiet interni bejnu u bejn il-kumpanija mandanti tieghu.

Jirrizulta sahansitra illi ftit wara li ntbaghtu dawn ic-*cheques* fuq imsemmija, s-socjeta' Advanced Computer Technology Limited giet *merged* mas-socjeta' Mabruk Limited u l-konvenut jahseb illi kien ghalhekk li dawn ic-*cheques* ma gewx onorati. Dan ukoll jista' jkollu effett li jaghti d-dritt ta' rivalsa tas-socjeta' attrici kontra l-persuna li tkun iffirmat ic-*cheque* partikolari jekk dan ic-*cheque* ma jigix onorat, vide **'Anthony Briffa proprio et nomine Vs Vincent Oliver Abela' tat-28 ta' Marzu, 2003 (Prim Awla, Onor Philip Sciberras)**.

Illi ghalhekk l-ewwel eccezzjoni ghandha tigi michuda.

Fir-rigward tat-tieni eccezzjoni, cjoe' dik tal-preskrizzjoni, l-konvenut naqas li jindika l-Artikolu tal-Ligi jew il-perjodu li qed jikkontendi li huwa applikabbli ghall-kaz. Sahansitra

waqt it-trattazzjoni verbali quddiem dan it-Tribunal din l-eccezzjoni lanqas biss issemmiet. M'huwiex miftuh ghat-Tribunal li jaghmel ricerka ghall-possibbli preskrizzjoni li setghet tkun applikabbli ghall-kaz odjern. Illi inoltre, ghalkemm il-konvenut cahad li ghandu jaghti xi haga fil-kapacita' tieghu personali, huwa ammetta li l-kumpanija li taghha huwa Direttur, cjoe' Mabruk Limited, hija debitrici u minkejja din l-ammissjoni, ma ta l-ebda struzzjonijiet sabiex il-kont mertu tal-kawza odjerna jithallas.

Ghal dawn il-motivi din l-eccezzjoni qieghda tigi michuda.

Ghar-rigward tal-mertu, jirrizulta li nghata s-servizz mitlub u li s-socjeta' attrici ghadha ma thallsitx ghal dan is-servizz. Il-konvenut huwa konxju ta' dan u minflok ma ndirizza l-kwistjoni, pprova jinheba taht velu tal-kumpanija – kumpanija li fil-kuntrattazzjoni partikolari kien jaf biha hu biss. Illi ghalhekk it-Tribunal huwa sodisfatt illi t-talba attrici tirrizulta manifestament ippruvata.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija u seba' liri Maltin u disgha u sebghin centezmu (Lm407.79c) bl-interessi legali, cjoe' mid-data ta' l-*invoice* tat-3 ta' Novembru, 2003 u bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------